

31991R1288

14.5.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 122/11

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1288/91
ta' l-14 ta' Mejju 1991
dwar il-klassifikazzjoni ta' xi oġġetti fin-nomenklatura magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1056/91 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi, biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, hu meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li tkun kollha kemm hi jew parti minnha bażata fuqha jew li żżid magħha xi subdiviżjonijiet addizzjonali u li tkun stabbilita permezz ta' disposizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati miżuri dwar it-tariffa jew xi oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ f'oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella meħmuża mar-Regolament preżenti għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet preskritti fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella meħmuża issa huma klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-14 ta' Mejju 1991.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 107, tas-27.4.1991, p. 10.

ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni tal-kodiċi tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. pjanċa żgħira f'għal biċċa għodda li l-partijiet tagħha jistgħu jibiddlu ma' xulxin, magħmula minn saff kompatt ta' djamanti sintetiċi imwawwal permanentement ma' substrat ta' karbur tal-metall.	8207 90 10	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 2 (a) u 6 tan-nomenklatura magħquda u mit-testi tal-kodiċijiet 8207, 8207 90 u 8207 90 10 tan-NM. Billi għandhom wiċċ li jsir xogħol fuqu magħmul minn djamanti sintetiċi, dawn l-oġġetti ma jistgħux jiġu klassifikati taħt l-intestatura Nru 8209.
2. Monitur tal-kulur, li jista' jaċċetta biss sinjal minn unità ta' proċessar ċentrali ta' magna li tipproċessa data awtomatikament. Il-monitur ma jistax jipproduċi xbiha bil-kulur minn sinjal ta' video kompost.	8471 92 90	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 tan-nomenklatura magħquda, min-Nota 5 B tal-Kapitolu 84 u mit-testi tal-kodiċijiet 8471, 8471 92 u 8471 92 90 tan-NM.
3. Tastiera ta' magna li tipproċessa data awtomatikament, fil-kisi tagħha stess. Din l-input unit m'għandhiex il-kurrent elettriku tagħha stess u trid tiġi konnessa, bil-kejbil tagħha li jikkonnettja, ma' l-unità ta' proċessar ċentrali ta' magna li tipproċessa data awtomatikament biex taħdem	8471 92 90	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, min-Nota 5 B tal-Kapitolu 84 u mill-kliem tal-kodiċijiet 8471, 8471 92 u 8471 92 90 tan-NM. (Ara wkoll in-Noti ta' Spjega dwar SS ta' l-intestatura Nru 84.71).
4. Strixxi għas-sħana li jirregolaw awtomatikament it-temperatura ta' fluwidi, magħmula minn konduttur tar-ram b'sezzjoni trasversali ta' 1,9 mm ² , filament konduttur awto-regolatorju, tubu iżolatur tal-fluoropolymer, żagarella tar-ram bil-landa b'sezzjoni trasversali ta' 2,8 mm ² u tubu minn barra tal-fluoropolymer li jgħatti ż-żagarella.. L-istrixxa li tħabbat tvarja s-sħana f'kull punt taċ-ċirkuwitu li tkun assoċjata miegħu skond it-temperatura li ssib.Ġeneralment tkun maħsuba biex titkebbbe mal-pajpijiet.	8516 80 90	Il-klassifikazzjoni tiġi stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet 8516, 8516 80 u 8516 80 90 tan-NM.
5. Ponot ottiċi tal-qari għall-compact disc players, li jikkonsistu f'diode tal-lejżer u photodiode li jkun f'kisi tal-metall b'mhux aktar minn 10 labar li jikkonnettjaw.	8522 90 91	Il-klassifikazzjoni tiġi stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 tan-nomenklatura magħquda u mit-test tal-kodiċijiet 8522, 8522 90 u 8522 90 91 tan-NM. Dawn il-ponot ottiċi tal-qari huma ġabra ta' diodes u bħala tali ma jistgħux jiġu klassifikati taħt il-kodiċi 8541 tan-NM.
6. Kamera tar-ritratti li tintrema wara li tintuża, li tikkonsisti f'kaxxa tal-plastik b'miżura ta' 98 x 58 x 35 mm, li jkun fiha film fotografiku ta' 24 ritratt ta' daqs 35 mm, b'lenti, shutter release, tieqa mnejn tara x-xena, indikatur li juri n-numru ta' ritratti li jinġibdu u rukkell li fuqu jitkebbbe il-film. Il-kaxxa ma tistax terġġha tintuża wara li tintfetaħ.	9006 53 00	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet 9006 u 9006 53 00 tan-NM.
7. Apparat magħruf bħala "intonaturi kromatiċi" bil-karatteristiċi li ġejjin: Fih diversi metodi ta' intunar u żewġ funzjonijiet ta' trasposizzjoni adattati għal numru ta' strumenti mużikali; ikun fih mikrofonu, oxxillatur tal-kwarz, meter ta' frekwenzi tat-tip pointer u diodes li jifgħu id-dawl, jista' anke jkun fih loudspeaker; għandu skala ta' intunar b'seba' ottavi (minn 32,7 sa 395,1 Hz).	9209 10 00	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 4 u 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet 9209 u 9209 10 00 tan-NM.